## EPITHALAMION

*Fiż-żwieġ tas-Sur G. Zarb Adami*
*ma' Miss Lina Lanzon.*

Sabiħ il-ward tal-ħajja, sbejħa d-dija
Fit-trieq li t-tnejn mexjin!
Kollox ifuħ taħt il-bews taż-żgħożija
Fit-trieq li t-tnejn mexjin!
Tgħix qalbkom hienja fl-oħla ħolm ta' mħabba
Li, bħal nixxiegħa, jtuq u qatt ma jxabba'.

"Sliem, ferħ, u għaqda!" dawn li ssibu mkebbsa
Fit-trieq li t-tnejn mexjin!
Għożżuh il-ġid. Jum jisbaħ: fi ħdan ommha
Tidħak, b'għajnejn ħelwin,
Tarbija, wiċċ il-ġmiel: tkun l-hena tagħkom,
Għax demm ta' demmkom; lejn Alla terfagħkom.

Min ħabb, le ma sogħ'b bih; min bagħ'd, itbekka,
Mitrud sa mill-bnedmin:
Fl-imħabba l-għaqda, u fil-għaqda l-ħajja,
Fit-trieq tas-sebħ mexjin;
U d-dawl ħanin li rabat imħabbitkom,
Id-dawl ħanin, jimxi ma' tul ħajjitkom.

20—1—38.

Ġużè Chetcuti

## Il-Mewt ta' Nonny

Malta—8 ta' Diċembru, 1937.

Għażiż Dâher,

...Meta tarġa' tiktibli, għidli xi ħaġa fuq Nino u Nonny. Huma telqu minn l-iskola, jew għadhom hemm? Għidli xi ħaġa fuqhom, għax ili xi erba' snin ma nieħu ħbarhom...

* * *

Transġordanja—22 ta' Diċembru, 1937.

Għażiż Mgħallmi,

...Tlabtni ngħidlek xi ħaġa fuq Nino u Nonny. Nino telaq mis-Siminarju (fejn kien daħal, bħalma taf inti) raġa' daħal l-iskola, u għadu hemm, jaħdem fil-matbgħa. Imma miskin Nonny miet xi xahar ilu. Ommu għeliet wisq meta ħadet l-aħbar ħażina. Għeliet għax lilu biss kellha sabi fost uliedha, u t-tama tagħha kienet fih...

* * *

Meta qrajt il-kelmiet *Nonny miet*, bla ma ridt ħarġitli għajta. Wisq drabi kont noqgħod naħseb u nistħajjel li għad nerġa' nsiefer u mmur fl-art fejn kont darba, u s-subiien ta' l-iskola nsibhom irġiel. Niltaqa' magħhom, nqattgħu xi siegħa fl-imkien nitħaddtu fuq iż-żmien imgħoddi ta' tfulithom. Issa minn fl-imdan il-ħejl ikolli nbarri lil Nonny. Nonny miet. Mela b'ħaqq ma narahx aktar.

U qgħadt naħseb u nġib quddiem għajnejja kull ma nif-takar fuq Nonny, fis-sena li nafu l-iskola. Issa, li Nonny miet, sa nikteb xi ftit milli naf fuqu, b'tifkira tiegħu.

Meta ommu ġibitu l-iskola, Nonny kellu madwar ħames snin. Kien żgħir, la rqiq u la oħxon, wiċċu aħmar nar u ħbub għajnejh hekk suwed, li l-mimma ma tidherx fihom. Ismu sewwa kien Neġib, imma jien semmejtu Nonny, għax